## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Maria Lourdes Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 529/15**

**Illum, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Lourdes Zammit detentrici tal-karta tal-identita` numru 378044(M).

Akkuzata talli bejn l-2013 u l-2014 minn gewwa l-hanut 'Hal Tmiem Butcher', sitwat fi Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-hin ghad-dannu ta' Rosric Spiteri miz-Zejun

Akkuzata wkoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti prezentati;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 18, 267, 268, 270, 280(1) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputata u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, qed issib lill-imputata **Maria Lourdes Zammit** hatja tal-ewwel (1) akkuza, stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannaha ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**